**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 66/07**

Il-Ġimgħa 7 ta' April 2017 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Wasal 5.21pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 6.06pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**Attendew ukoll tlett membri tal-pubbliku.**

---

**AĠENDA**

66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
66.5 Rapporti;
66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
66.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
66.9 Mozzjonijiet :

- *Mozzjoni 01/66/2017 – Riklamar fuq U-Bars li għandna fit-Toroq ta' Ħal Tarxien minn kumpanija li topera minn Ħal Tarxien stess.*
  *Proponent : Kunsillier Ishmael Dalli u Sekondant : Viċi Sindku Keith Darmanin.*
- *Mozzjoni 02/66/2017 – Talba lill-Kunsill sabiex jiddiskuti u jieħu pożizzjoni dwar applikazzjoni għall-permess PA/04689/16 ta' bini li ser jogħla madwar tmien sulari.*
  *Proponent : Kunsillier Lawrence Bonavia u Sekondant : Kunsillier Ishmael Dalli.*

66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**66.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

i. Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija. Ittri ta' Apoloġija

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 64/2017 tal-20 ta' Frar 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Filwaqt li l-laqgħa Nru 65/2017 kienet ġiet posposta għal din il-laqgħa Nru. 66/2017 tas-7 ta' April. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, fuq parir tal-avukat tagħna ssuġġerilna li alissa ma nħallsux sakemm jerġa jitkellem hu mal-avukat tal-Kuntrattur. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Il-Kunsill qabel unanimament li alissa ma jħallasx u nimxu mal-parir tal-avukat.

ii. Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tielet persuna kien ġie mressaq ukoll il-Qorti u weħel ukoll. Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

ii.i Sadanittant kompla jispjega s-Sindku li l-ħatja tal-vandalimu kienu weħlu s-somma ta' €450 bejniethom u sena probation kull wieħed. Żied jgħid is-Sindku li s'issa ħadd mill-ħatja ma kien ġie bil-flus.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Cassar Shiprepair fejn preżenti kien hemm Ismael Dalli fil-vesti tiegħu kemm bħala Kunsillier kif ukoll bħala Segretarju ta' Tarxien Rainbows FC. Turf tal-ground 5 aside

iii.i Żied jispjega s-Sindku li waqt din il-laqgħa ġew iċċarati xi punti dwar l-użu tal-5 aside u sabiex jiġu ssetiljati nofs l-ammont tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Is-Sur Cassar baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara naqra minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows.

iii.ii Sadanittant is-Sindku qal ukoll li aħna tkellimna mal-avukat tagħna biex naraw x'sar mis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017. Fejn dan min-naħa tiegħu spjegalna li kellha ssir data oħra f'Ġunju biex ikompli jinstema l-Appell.

iv. Rigward il-każ ta' Triq Betta, is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm iż-żewġ *bollards* kienu twaħħlu u dan dejjem fuq struzzjonijiet tat-Transport Malta sabiex it-triq tingħalaq min-naħa ta' fejn l-għassa, xorta qed ikollna problemi għax qed jipparkjaw mal-bollards u jiġu taħt it-twieqi tan-nies. Bollards – Triq Betta

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tas-sinjali ta' Triq B'bugia aħna konna għamilna kollox skond it-TM. Safrattant żied jgħid is-Sindku li xi ħadd kien anke għajru "bhima" u mill-uffiċċju qalulu u hu imbagħad ċempillu. Saħansitra dan il-każ deher anke fuq facebook u xi ħadd bravu kiteb li aħna bħala Kunsill kollha korrotti nkluz anke minn imexxi lis-Sindku. Is-Sindku qali li kien ressaq kollox għand il-pulizija.u ser jipproċedi. Triq B'Bugia

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, kien kellem lill-Perit li min-naħa tiegħu kien bidel il-pjanta u tefa' l-applikazzjoni tal-parti t'isfel. Ġnien Kurunell Mass

vi.i Is-Sindku qal li kien anke nfurmah li t-tender għat-toroq kienet ħarġet u ndikalu wkoll xi toroq għal major patching. Tender toroq

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar li l-inċident fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l- Inċident monument – Avukat UNTOURS

argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat.

viii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku qal li ġejna mitluba mill-Enemalta li nixxiftjaw arblu u talbuna wkoll biex nagħmlu demarcation box. Ser nitolbu lill-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb jagħmel id-demarcation box. Meter Ġnien Ovindoli

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wasal fi 17:21pm*

ix. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda , s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhirilhom xierqa. Anzi żied jgħid li t-tweġiba tat-TM kienet li l-konkos kien qed jisfronda għaliex kien hemm xi krejn. Triq B'Bugia

x.i Saret diskussjoni u ġie deċiż li terġa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

xi. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat jinfurmana li t-talba ma ġietx milqugħa. CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xii. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

xii.i. il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet tpoġġiet ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill l-iskip għal rimi ta' oġġetti żgħar li jaħdmu bl-elettriku mingħand il-WEEE. WEEE – Skip rimi Skart Elettroniku

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem ma' tal-WEEE dwar is-suġġeriment tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien għamel fl-aħħar laqgħa fejn hu kellu jitkellem mas-sidien tal-ħwienet u jistaqsihom jekk jaċċettawx li jitpoġġew bins fejn il-pubbliku jkun jista' jiddisponi minn bozzoz ħżiena. Is-Sindku qal li dawn wegħduh li kellhom jiddiskutha nternament. Kunsillier Bonavia – suġġeriment bins għall-bozzoz

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba la sid il-garaxx fi Triq Dun Karm Sant ma kien ikkuntattja lill-Kunsill u lanqas il-Kunsillier Lawrence Bonavia ma kellu xi risposta mingħandha u dan minħabba l-marki li kienu saru, għaldaqstant kien qed jikkunsidra dan il-każ magħluq. Il-Kunsill qabel unanimament. Marki quddiem garaxxijiet fi Triq Dun Karm Sant

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien diġa rraporta dwar is-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia u Palma, it-TM kienu qalulna li huma kienu ser jagħmlu wiċċ tat-triq filwaqt li l-Kunsill jagħmel sinjali. Sinjali tal-Art

xvi.i Żied jgħid li l-istess kien ser isir fil-każ ta' Triq LUQA ladarba t-TM jkunu lesti mix-xogħol. Wicc mill-ġdid Triq Ħal Luqa u sinjali tal-art

xvi.ii Is-Sindku spjega li biex isir dan ix-xogħol ser inkunu qbiżna l-ammont ta' *direct order* u għaldaqstant ġie ssuġġerit li ninfumaw lid-Direttur DLG għall-approvazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament. Approvazzjoni mid-DLG dwar xogħol mill-KOPTASIN

xvii. Il-Kunsill kien infurmat li dwar l-assenjar tal-persuna b'dizabilita bħala part-timer mal-Kunsill, d-DLG infurmatna li l-ħlas isir mill-Kunsill Lokali imbagħad kull tlett xhur jintbgħatu l-payslips u dokumenti relatati lid-DLG u dawn jirrifonduna. DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer

xiii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet ġedded il-polza ta' assikurazzjoni għall-perjodu li l-valur ma jaqbisx dak ta' *direct order*. Polza ta' Assikurazzjoni

xiv. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet bgħatet l-ittra lill-Kumitat tal-Festa fejn infurmathom li Ittra Kumitat Festa 19-29

r-rikjesta biex bejn 19 u 29 Mejju ma jinħarġux permessi għall-vetturi kbar ma kenitx possibli u dan hekk kif kien ġie deċiż bi qbil unanimu fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. ma jinħarġux permessi

xv. Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li kienet bgħatet l-ittra lill-Kumitat tal-Festa fejn infurmajnihom li l-Kunsill kien ser joħroġ in-*no objection* biex isiru l-marċi u sabiex waqt il-ġranet tal-marci, li jkunu bejn wieħed u ieħor ħamest ijiem qabel il-festa, ma jsirux permessi. Ittra Kumitat Festa *no objection* biex isiru l-marċi

xv.i. Is-Sindku qal li sadanittant iltaqa' magħhom u talbuh li toroq jingħalqu minn l-Erbgħa flokk il-Ħamis. Kif ukoll li l-gabbani fi Triq Palma jridu jersqu iktar 'l ġewwa u iktar 'l fuq minn fejn qegħdin. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dawn it-talbiet. Gabbani – Triq Palma

xvi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet ntbgħatet ittra lill-LESA biex isir monitoraġġ fuq dak li kienet irrapurtat l-Kunsilliera Doris Vella li l-iscammel kien qed joħroġ *wrong way* minn Triq is-Sorijiet. Wrong Way - Scammel

xvii. Is-Sindku rrapporta li l-iskema IRRESTAWRA DAREK kienet magħluqa. SKEMA IRRESTAWRA DAREK

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bust fi Ġnien Mark Farrugia, il-Kunsill kien rċieva ittra mingħand il-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Tarxien fejn hu bħala Sindku spjegalhom x'kien ġara. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li dan xorta ma kienx biżżejjed għaliex l-Onor Carm Mifsud Bonnici reġa għamel PQ. **Bust – Mark Farrugia**

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed niffinalizzaw tal-ġemellaġġ permezz tal-Kuntrattur Heritage Enterprises. Ġemellaġġ

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħlas tal-10% mir-Reġjun Xlokk lill-Kunsilli Lokali mexjin sewwa u la naslu f'xi fażi jinforma lill-Kunsill. Ħlas 10%b

xx.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li fuq it-tabelli fejn hemm l-irħula membri jiktbu wkoll Reġjun Xlokk. Is-Sindku rringrazzjah tas-suġġeriment siewi li għamel.

xxi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li permezz tal-Proġett Citimobilnet qed jipprova jġib *SUMP* u jkunu nklużi Ħal Tarxien, Paola, Fgura, M'skala, M'xlokk, Marsa, Żejtun. Citimobilnet

xxii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ġiet irranġata l-bankina b'rampa fuq l-istess bankina quddiem garaxx li ma jintużax fi Triq San Franġisku dan hekk kif kien irrapurtat u mitlub li jsir mill-Kunsilliera Doris Vella. Ramp fuq bankina – Triq San franġisk

xxiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ltaqa' mal-Perit tat-TM fejn reġa fakkru dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Żied jgħid is-Sindku li dan issa qallu li m'hemmx fejn isir u ħadd ma kien qallu biex jixtri xi bus shelter. Is-Sindku nsista li dan ma kienx il-ftehim għaliex kienu t-TM li qalulu biex jieħu ħsieb il-bus shelter u mhux ġust li minħabba persuna waħda jbgħatu l-bqija tal-pubbliku li jużaw dak il-bus stop. Bus Shelter Triq Palma

xxiii.i Il-Kunsillier Luke Genuis staqsa jekk qatt kienx hemm permess mill-PA. Is-Sindku qal li tali permessi ma kienux jgħaddu mill-Kunsilli.

xxiv. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet waslet talba mill-Kumpanija MELITA pls sabiex jitpoġġa arblu fi triq San Anard k/m triq Dejma. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan l-arblu. Arblu – Melita – Triq San Anard

xxv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand it-TM fejn qed tinforma lir-residenti li Triq Dun Mikiel Calleja kien ser isir l-asfaltar tagħha minnhom bħala TM. Asfaltar Triq Dun Mikiel Calleja

xxvi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li t-TM kienet approvat li jsiru :-

RESERVED PARKING BAYS fi toroq :-

- PAOLA – quddiem r-residenza Nru. 120;
- B'BUGIA – quddiem r-residenza Nru. 54;

TIMED & COMMUNAL LOADING/UNLOADING BAY

- TRIQ BUGIA – fil-viċinanzi tal-ħanut JERRY'S PET SHOP;

DOUBLE YELLOW LINES

- TRIQ XANDRU FARRUGIA – fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx Nru. 80

xxvi.i Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex isiru dawn it-talbiet hekk kif approvati mit-TM.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 18.06pm.*

xxvii. Il-Kunsillier Ishmael Dalli ssuġġerixxa li nerġgħu nibgħatu *reminder* lit-TM dwar il-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri

**66.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti x'jgħaddu f'din il-laqgħa.

**66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġew mressqa l-iSkedi ta' Pagamenti 50/07, 51/07, 52/07. Dawn l-iSkedi ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera

**66.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

i. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*
Il-Kunsillier Frans Agius qal li l-kumpanija TCTC kienet nehdiet kors ġdid din id-darba fuq ROBOTIKA. Żied jgħid li din id-darba l-ħlas issussidjat li kull applikant kien irid iħallas kien €50 filwaqt li l-Kunsill Lokali jħallas €1150.

i.i Saret diskussjoni dwar dan il-kors u l-utilita' tiegħu. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li ma jarax li robotika għandha xi utilita', filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li allura kien ikun aħjar kieku l-Kunsill jara xi bżonnijiet jeżistu u fil-każ tinħareġ esspressjoni tal-interess.

i.ii Il-Kunsill unanimament qabel li ma japplikax għal dan il-kors tar-ROBOTIKA mat-TCTC.

i.iii Il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li għal din is-sena wkoll konna applikajna għal korsijiet tal-LIFELONG LEARNING.

ii. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*
Il-Kunsilliera Doris Vella rrapurtat li l-attivita tal-Ħamis 6 ta' April 2017 fis-Soreda Hotel marret tajjeb u li kienet ser tippreżenta rendikont fil-laqgħa li jmiss.

**66.9 Mozzjonijiet**

MOZZJONI 01/66/2017 *Mozzjoni - Riklamar fuq u-bars*
*Riklamar fuq u-bars li għandna fit-toroq ta' Ħal Tarxien minn kumpanija li topera minn Ħal Tarxien*
*Proponent Kunsillier Ishmael Dalli u Sekondant Viċi Sindku Keith Darmanin.*

i. Il-Kunsillier Ismael Dalli spjega li kien ġie avviċinat minn kumpanija tal-assikurazzjoni biex jagħmlu riklami ma *u-bars* eżistenti ġewwa r-raħal.

i.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ġibet l-attenzjoni li l-Kunsill diġa għandu Bye Law dwar dan u għaldaqstant ma jarax għalfejn din il-materja kellha titressaq quddiem il-Kunsill.

i.ii Il-Kunsillier Luke Genuis nforma lill-Kunsill li l-Legal Notice attwali kienet qed tiġi aġġornata u għaldaqstant tali Avviż Legali kien jissupersedi.

i.iii Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u kien hemm qbil unanimu li l-permess jingħata imma bil-premessa li tali permess irid iku konformi mal-liġi kemm attwali u kemm fil-futur jekk tali liġi tiġi aġġornata u/jew emendata.

*Mozzjoni – Applik għall-permess ta' Dar tal-anzjani*

MOZZJONI 02/66/2017
*Talba lill-Kunsill sabiex jiddiskuti u jieħu pożizzjoni dwar applikazzjoni għall-permess PA/04689/16 ta' bini li ser jogħla madwar tmien sulari.*
*Proponent Kunsillier Lawrence Bonavia u Sekondant Kunsillier Ishmael Dalli*

i. Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali m'għandniex niddiskutu permessi bħal dawn.

i.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li ma jarax għalfejn m'għandniex niddiskutuh għaliex wara kollox meta kien hemm il-każ tal-Impjant ta' Riċiklaġġ f'Wied il-Għajn il-Kunsill kien oġġezzjoni u saħansitra anke kien sar Protest Ġudizzjarju flimkien ma Kunsilli oħra tal-madwar.

i.ii Is-Sindku reġa thenna li ma jaqbilx li tiġi diskussa u dan anke għal-fatt li l-*issue* l-iżjed inqalgħet minħabba l-ħruq tan-nar tal-art fi żmien il-festa. Żied jgħid is-Sindku li hu minn rajh diġa tkellem biex iġib garanzija biex ma jinqerdux iż-żewġ festi tagħna u dan għaliex jekk in-nar ma jinħaraqx hemm ma jsir imkien.

i.ii.i Kompla jispjega s-Sindku li saħansitra ġa sar xi diskors li xogħol waqaf ħabba petizzjoni li qed iddur fir-raħal kontra dan il-proġett. Is-Sindku qal li dan mhux minnu għaliex il-proġett kellu jieqaf minħabba l-pedamenti.

i.iii. Il-Kunsillier Bonavia baqa jinsisti li dan il-każ jiġi diskuss. Għaldaqstant is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex kull wieħed minnhom jagħti l-verżjoni tiegħu sabiex fl-aħħar din il-mozzjoni titressaq għal-vot.

i.iv Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li jaqbel perfettament ma dak li qal is-Sindku. Qal li wara kollox l-Awtoritajiet diġa kienet ħarġet il-permess għal 4 sulari. Qal ukoll li ma jarax għalfen issa dan il-paroli kollu meta qabel dik is-sit in kwistjoni kienet diżastru sħiħ. Staqsa għaliex qatt ma ġie ssuġġerit li ssir protesta meta kien hemm dik il-porkerija ? Żied jgħid il-Viċi Sindku li huwa jifhem li jekk il-partit jidderiġihom f'dik il-vijja hekk kellu jsir pero jħoss li hemm tlett mottivi li huma :-

- direttiva politika;
- direttiva kontra s-Sindku Paul Farrugia;
- attak kontra l-Gvern;

i.v Il-Kunsillier Frans Agius qal li sa fejn jaf hu dan kollu beda minħabba tan-nar. Ħafna nies marru oltre minn hekk u meta dan id-diskors ma bediex ireġi pprovaw jdawru d-diskors. Żied jgħid li huwa jaqbel mas-Sindku li dan il-permess m'għandux jiġi diskuss mill-Kunsill. Wara kollox il-bini ta' erba suluri diġa hija rregolata bil-permess.

i.vi Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li l-Kunsill kien mar inaddaf dan is-sit fl-1994 u meta għamel dan kien intalab minn sid l-art għaliex kien daħal fi proprjeta privata mingħajr awtorizzazzjoni. Lawrence Bonavia żied jawgura li jinbnew ħafna iktar djar tal-anzjani. Huwa qal li ħadd ma kien qed jiddiskuti l-iżvilupp. Pero qal li d-diskors kollu kien marbgħut mat-tmien sulari u x'kien ser jiġri jekk xi darba jingħata l-permess għal kumplament tas-sulari?!

i.vii Il-Kunsillier Luke Genuis qal li ladarba l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet il-permessi tal-bini, ma jarax għalfejn għandu jidħol f'dan il-permess meta fl-Awtorita' żgur hemm nies kompetenti.

i.viii. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li bi żvilupp ta' din it-tip ġewwa r-raħal ma stajniex ma nsemmu xejn f'din il-laqgħa. Hu żied jgħid li huwa qatt ma kien kontra bini ta' dar tal-anzjani anke ħabba l-fatt li bħala Kunsill stess kien ipprova jagħmel dar għall-anzjani. Qal li l-unika oġġezzjoni tiegħu kienet għas-sulari iżjed mill-erbgħa sulari diġa bil-permess..

i.ix Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li taqbel ma dak li qal is-Sindku Paul Farrugia li dan il-permess ma jiġix diskuss mill-Kunsill filwaqt li fuq l-għoli tħalli f'idejn l-awtoritajiet biex jaraw x'tip ta' permessi jinħarġu. Filwaqt li tħoss li l-argumenti li kienu qed jittresqu mill-grupp ta' kontra dan l-iżvilupp kienu banali u dan għaliex saħansitra xi ħadd kien kiteb li ma kenitx ser tibqa tidher il-koppla.

i.x Is-Sindku Paul Farrugia qal li jerġa jirrepeti li jħalli f'idejn l-Awtorita' tal-Ippjanar. U żied jgħid li hu kien ser jibqa jistinka li minn dan il-proġett jiġri x'jiġri n-nar jibqa jinħaraq minn fejn dejjem inħaraq u b'żieda ma' dan ser jipprova li mingħand l-iżviluppatur iġib xi ħaġa iktar.

i.x Il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa jekk nistgħux nagħmlu kuntatt mal-iżvilluppatur biex jgħidilna l-proġett eżatt fhiex jikkonsisti. Is-Sindku wieġbu li ma jarax għalfejn għandha issir issa.

i.xi Is-Sindku qal li għaldaqstant kien qed jipproponi li dan il-permess għall-iżvilupp ma jiġix diskuss mill-Kunsill u jħalli f'idejn l-Awtoritijiet u ressaq dan għall-votazzjoni.

**Voti Favur dak propost mis-Sindku**
*Sindku Paul Farrugia*
*Viċi Sindku Keith Darmanin*
*Kunsillieri Frans Agius, Luke Genuis u Doris Vella*

**Voti Kontra dak propost mis-Sindku**
*Kunsillieri Lawrence Bonavia u Ismael Dalli*

Għaldastant b'ħames voti favur u bi tnejn kontra l-Kunsill iddeċieda li dan il-permess ma jiġix diskuss mill-Kunsill Lokali u jitħalla f'idejn l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:30pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 26 ta' April 2017 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| ( IFFIRMATI ) | ( IFFIRMATI ) |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |